MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

**GUDIKATUR DR.
PHILIP MANDUCA**

Seduta tas-16 ta' Frar, 2004

Talba Numru. 658/2002/1

**Carmen Gatt**

**Vs**

**Gaetano Vella u b'digriet tat-12 ta' Frar 2003 giet kjamata fil-kawza Mary Curmi mart John Curmi**

**It-Tribunal**

Ra l-Avviz li fih l-attrici talbet is-somma ta' Lm280.00c (mitejn u tmenin lira Maltin) rapprezentanti "ammont dovut bhala senserija" in konnessjoni mal-bejgh tal-fond 99 Triq Villambrosa, Hamrun.

Ra r-Risposta tal-konvenut fejn qal li l-Avviz ma jaqax fil-kompetenza ta' dan it-Tribunal billi hija kompetenza superjuri biex jinterpretaw Atti Pubblici; li minghajr pregudizzju l-attrici qatt kellha xi rapport bhala sensara. Li

dawn il-proceduri huma vessatorji u frivoli. R-Risposta tal-kjamata fil-kawza hija fl-istess sens.

Sema’ x-xhieda u ra d-dokumenti esebiti.

Ra li l-ewwel eccezzjoni giet michuda b’sentenza in parte deciza fit-18 ta’ Novembru 2002.

Ikkunsidra li l-attrici pprezentat Affidavit fejn qalet li kienet rat il-fond in kwistjoni ghal bejgh u kienet informat lit-tifla taghha b’dan. Kienet cemplet lil mart il-konvenut u ffissaw appuntament biex imorru jaraw il-fond. L-attrici marret ma’ bintha sabiex jaraw il-fond. L-attrici qalet li kienet informat lil Gaetano Vella li riedet tara l-post flimkien mal-perit. Il-partijiet ftehmu fuq appuntament iehor u regghu marru jaraw il-post flimkien mal-perit.

Skond l-attrici hi ghamlet offerta sabiex bintha tixtri u l-konvenut qal li jrid jahsiba. L-ghada filghodu bint l-attrici kienet informatha li l-konvenut kien cemplilha u accetta l-ammont ta’ Lm28,000 (tmienja u ghoxrin elf lira Maltin).

Skond l-attrici ma marretx ghall-konvenju ghaliex kienet ma tiflahx.

L-attrici marret ghall-pubblikazzjoni tal-kuntratt. Skond l-attrici n-nutar kien avza lill-konvenut li kien hemm ammont dovut bhala senserija. L-konvenut oggezzjona li jitnizzel xi haga dwar senserija fil-kuntratt.

Rita Stafrace u George Stafrace bazikament ikkonfermaw l-Affidavit tal-attrici.

Fl-Affidavit tieghu l-konvenut qal li Rita Stafrace kienet cemplitlu biex tigi tara d-dar. Kien ir-ragel ta’ Rita Stafrace li ghamel l-offerta. L-konvenut qal li mbaghad wara li tkellem ma’ missieru hu kien cempel lil Rita Stafrace u qalilha li missieru kien kuntent bl-offerta ta’ Lm28,000 (tmienja u ghoxrin elf lira Maltin).

Jumejn qabel ma gie ffirmat il-kuntratt Rita Stafrace cemplet u qalet li ommha kienet is-sensara. L-konvenut

qal li ma kienx jaf b'dan u li jaraw fuq il-kuntratt. Fil-kuntratt ma ssemma xejn.

Fl-Affidavits taghhom Mary Curmi w Anthony Curmi jikkonfermaw l-Affidavit tal-konvenut Vella.

Illi gie ddikjarat mill-Qrati li "L-fatt li bniedem jaghti semplicement informazzjoni bla ma jaghmel xejn aktar cioe bla ma jadopera ruhu b'ebda mod biex ilaqqa l-kunsens tal-partijiet ma jaghtix id-dritt ghas-senserija u lanqas kumpens".

Illi l-attrici naqset li tkun prezenti ghall-konvenju u fil-kuntratt ma ssemma xejn dwar senserija.

Illi fil-kawza Grech Vs Abela 15/2/1936 gie ddikjarat li "Dmir is-sensal huwa mhux biss li jgib l-ewwel informazzjoni, imma wkoll li jghaqqad il-partijiet fuq il-partikolaritajiet kollha tal-operazzjoni".
Fis-sentenza moghtija fis-6 ta' Gunju 1989 (Sac. Edilifinanziaria Vs Ferrero) riportata fil-"Il Massimario del Foro Italiano N. 2750 1989 gie stabbilit il-principju li "In tema di mediazione, in considerazione della sua natura contratuale, e' neccessario che sia provata la volonta' delle parti, la quale pero essere manifestata sia esplicitament che per facta "concludentia mediante" l'utilizzazzione nelle quale sia implicita detta volonta' – dell' attivita del mediatore, con la conseguenza che, mancando la prova della conscienza della parte interessata all'affare di avvolersi dell'opera del terzo e cioe di une soggetto neutrale ed imparziale per conclusione dell' affare stesso, il contratto di mediazione deve ritenersi inesistente".

Illi fil-kawza Darmanin Vs Scicluna (31/5/1935) biex ikun hemm senserija hemm bzonn li l-intromissjoni tal-medjatur ikun accettat miz-zewg nahiet, anki tacitament.

F'din il-kawza ghalkemm il-partijiet jaghtu verzjoni differenti tal-fatti ma jirrizultax li l-konvenut u l-kjamata fil-kawza kienu accettaw lanqas tacitament li l-attrici taghmilha ta' sensar. Kieku l-attrici riedet is-senserija

kellha tkun hi li fl-ewwel laqa tispjega l-posizzjoni taghha, kellha tattendi fuq il-konvenju u kellha tinsisti waqt il-kuntratt li ssemma s-senserija.

Illi f'din il-kawza l-attrici ma gabitx prova sufficjenti biex turi li l-konvenut u l-kjamata fil-kawza kienu accettaw li hi taghmilha ta' sensar – ghalhekk it-talba taghha qieghda tigi michuda bl-ispejjez kontra taghha.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------